LUQA

Minuti tal-Laqgħa Nru. 22 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 28 ta' Jannar 2009 fl-4.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M.<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **Skużat :** | Dr Frank Psaila |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. *Premises* tal-Kunsill
5. a. Rapport Finanzjarju Ottubru/Diċembru 2008

   b. Budget 2009/2010

   c. Pjan ta' Ħidma 2009/2012
6. Mozzjonijiet
7. Ħlasijiet

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 21 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joseph Scicluna ssekondata mill-Kunsillier Joseph Camilleri.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Riferenza għall-Minuti ma kienx hemm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume’ tal-korrispondenza kollha li daħlet sat-28 ta’ Jannar 2009, fosthom ;

a) E-mail mill-AKL dwar programm tal-laqgħat statutorji għas-sena 2009. Kopja tal-programm ingħatat lill-Kunsillieri kollha.

b) E-mail mill-Uffiċċju tal-Onor. Dr. Chris Said dwar seminar li se jiġi organiżżat fis-6 ta’ Frar 2009 fuq proġetti ta’ natura sostenibbli fil-qasam edukattiv, soċjali, ambjentali u kulturali li jistgħu jiġu mwettqa fil-lokalitajiet.

c) Cirkolari 7/2009 tal-AKL dwar x’tip ta’ sistema tista’ tiġi adottata u x’tip ta’ proċeduri għandhom jittieħdu sabiex jinġabru l-multi pendenti illi hemm fuq is-sistema ta’ l-L.E.S. Dwar dan se ssir laqgħa f’jum li jrid jitħabbar.

d) Memo 4/2009 tal-DGL dwar infurżar tal-Liġi mill-Kunsilli Lokali f’|oni Industrijali.

e) Abbozz emendat tal-*policy* adottata mill-MEPA dwar fondi disponibbli taħt l-Iskema ‘’ *Urban Improvemnet Fund* ‘’. L-applikazzjonijiet għal din l-iskema jagħlqu fis-6 ta’ Frar 2009.

f) Talba mill-Kulleġġ S. Benedettu ta’ Santa Luċija għal donazzjoni għall-*Prize Day*. Il-Kunsill qabel li jagħti l-istess donazzjoni tas-sena l-oħra.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sat-28 ta’ Jannar 2009.

## 4. PREMISES TAL-KUNSILL

4.1 Is-Sindku John Schembri fetaħ id-diskussjoni fuq dan is-suġġett billi ta dettalji kronoloġiċi li wasslu lill-Kunsill sabiex ifittex alternattiva oħra bħala post għal uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sindku semma li pprovajna nirranġaw il-premises attwali, iżda l-MEPA ċaħdet it-talba tagħna. Ipprovajna wkoll nagħmlu devoluzzjoni bi biċċa art fi Triq id-Dokkiena, iżda wara nstab li din kienet tal-Knisja. L-aħħar attentat kien li nitolbu lill-Gvern Ċentrali jgħaddi lill-Kunsill il-pjan terra li llum jilqa' fih l-Ispiżerija tal-Gvern. It-talba tal-Kunsill ma ġietx milqugħa għax il-*policy* tal-Gvern li jagħlaq l-Ispiżeriji baqgħet ma nbidlitx.

4.2 Quddiem din is-sitwazzjoni qal is-Sindku, il-Kunsill ma baqagħlux triq oħra għajr li jibda jagħmel użu mill-binja li għandu l-Kunsill fi Triq il-Ġdida fejn illum qed jintuża bħal *Day Centre*.

4.3 Dwar din l-intenzjoni l-Kunsill qal lill-awtoritajiet konċernati li magħhom saret laqgħa fil-Berġa ta' Kastilja nhar it-Tnejn, 26 ta' Jannar 2009. Għan-naħa tal-Gvern dehru l-Onor. Dr Chris Said u l-Onor. Sur Mario Galea flimkien ma' Dr. Stephanie Xuereb, Direttur. Dawn malajr fehmu l-qagħda u t-talba tal-Kunsill, tant li mingħajr kantunieri ddikjaraw li l-*premises* preżenti la huma aċċessibli u lanqas huma denji ta' Kunsill Lokali.

4.4 Quddiem din is-sitwazzjoni u peress li l-kuntratt tad-*Day Centre* jagħlaq fit-30 ta' Ġunju 2009, kien hemm qbil li jsir sforz sabiex jinstabu *premises* oħrajn għall-Anzjani. Hawnhekk ġie suġġerit li jsir kuntatt mal-Kappillan tal-Paroċċa ta' Ħal Luqa bil-għan li jkun jista' jsir użu, b'kera, miċ-Ċentru Parrokkjali ta' Triq id-Dokkiena.

4.5 Is-Sindku tenna li lill-Kunsillieri se jżommhom infurmati b'kull żvilupp li jkun hemm fuq is-suġġett biex forsi fl-aħħar ikollna *premises* adekwati.

## 5. RAPPORTI FINANZJARJI

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta għad-diskussjoni :

a. Rapport Finanzjarju għax-xhur ta' Ottubru/Novembru/Diċembru 2008
b. Abbozz ta' Estimi Finanzjarji għas-sena 2009/2010 u
c. Rapport ta' Ħidma tal-Kunsill għat-Tliet Snin 2009/2012

5.2 Peress li dawn ir-rapporti kienu f'idejn il-Kunsillieri minn jiem qabel il-laqgħa, is-Sindku qal li dawn għandhom jittieħdu bħala moqrija u għalhekk talab għal mistoqsijiet u kummenti dwarhom.

5.3 Wara d-diskussjoni dawn it-tliet rapporti ġew approvati unanimament.

LUQA

## 6. MOZZJONIJIET

6.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna tgħid li : **l-Kunsill japprova l-ħatra ta' Sotto-Kumitat għall-Kultura, Edukazzjoni u Ambjent.**

6.1.ii Is-Sindku qal li nstabu numru ta' nies validi li lesti jagħtu sehem fil-oqsma elenkati fil-mozzjoni. Dawn ma jkollhomx poteri eżekttivi għax fl-aħħar mill-aħħar ikun il-Kunsill li jiddeċiedi. Nies ta' din ix-xorta jagħtuna nifs biex nagħmlu programm ta' attivitajiet matul is-sena, speċjalment meta din is-sena se jitfakkar it-375 sena tal-Parroċċa.

6.1.iii Is-Sinjuri li ġew proposti mis-Sindku huma : Dr. Hubert Theuma, Michael Portelli, Joe Bonello u Joe Theuma, filwaqt li Anton Morana, għalkemm ġie kkuntattjat, għadu ma kkonfermax.

6.1.iv Sadattant is-Sindku stieden lill-Kunsillieri biex jinnominaw persuni oħrajn li jaħsbu li jistgħu jagħtu sehem huma wkoll. Is-Sur Victor Caruana min-naħa tiegħu ppropona lis-Sinjuri Richard Caruana, Franco Camilleri u Gram Allman. Dawn għandhom jiġu kkuntattjati.

6.1.v Meta l-mozzjoni tressqet għall-voti din ġiet approvata unanimament.

6.2 Mozzjoni oħra kienet dik ippreżentatta mill-Kunsillier Joseph Camilleri ssekondata mis-Sindku John Schembri li tgħid : **li l-Kunsill japprova li ssir attivita' tal-Karnival għat-tfal.**

6.2.i Meta tkellem dwar il-mozzjoni s-Sur Joseph Camilleri qal li għall-attivita' ta' din is-sena nipprovaw indaħħlu wkoll lis-Sotto-Kumitat tal-Kultura, nistiednu lill-Iskola Primarja tal-lokal kif ukoll lill-Kunsill Skolastiku. Din il-mozzjoni ġiet approvata uananimament.

## 7. ĦLASIJIET

7.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sat-28 ta' Jannar 2009 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-6.45 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

  - Konfermati llum 26 ta' Frar 2009.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv